MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 320/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Simon Muscat**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Simon Muscat ta’ 33 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Borg, imwieled San Giljan, nhar it-02 ta’ Frar 1975, residenti Charmaine Court, Flat 3, Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 119575(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-12 ta’ Marzu 2008, ghall-habta ta’ 15:00hrs, gewwa Triq Tal-Kubrit, Gzira, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Cuono Rea mis-Swatar, u dana skond ma ccertifikat Dr. Agnes Cachia MD mill-isptar

Mater Dei u dana ai terminu ta’ l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dana ai terminu ta’ l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’ mod li hareg ‘il barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana ai terminu ta’ l-artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ April 2008 (esebit *a folio 19* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li nqala’ bejn l-imputat u l-parti civili Cuono Rea fejn iz-zewg partijiet spiccaw sabiex sofrew griehi, l-imputat sofra griehi ta’ natura hafifa filwaqt li l-parti civili sofra griehi ta’ natura gravi. Il-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-12 ta’ Marzu 2008 l-imputat ghamel rapport lil Pulizija fl-Ghassa ta’ Tas-Sliema fejn qal illi dakinhar stess ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinahar kellu incident quddiem il-garaxx tieghu li jinsab fi Triq il-Kubrit, Gzira ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Taljana li ma kienx jaf x’jisimha. L-imputat qal lil Pulizija li xi gimghat qabel dan ir-ragel ta’ nazzjonalita’ Taljana kien ha l-vettura tieghu ghal service ghandu u wara li ha l-vettura lura kien beda’ jmur ghandu ta’ spiss jilmenta li x-

xoghol ma kienx sar sew u li l-imputat nonostante li l-problemi li kien jirriskontra fil-vettura tal-imputat ma kellhom x' jaqsmu xejn mas-service li kien ghamillu precedentement kien qed jaqdih. L-imputat spjega li dakinhar tal-incident il-parti civili kien rega' mar jilmenta dwar it-tiswijiet u kien arroganti mieghu, hebb ghalih u attakkah u l-imputat qal li kien iddefenda ruhu billi xejjer daqqa fid-direzzjoni tal-parti civili. L-istess parti civili Cuono Rea ukoll mar jaghmel rapport fl-Ghassa ta' Tas-Sliema fejn qal li meta kien mar jilmenta mal-imputat dan xejjirlu zewg daqqiet ta' ponn u laqtu f'wiccu.

Cuono Rea li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-20 ta Novembru 2008 qal li ghall-habta ta' Settembru jew Ottubru 2007 kien inqala' ncident bejnu u bejn l-imputat fejn wara li huwa kien mar jilmenta dwar ix-xoghlijiet li kienu saru fil-vettura tieghu mill-imputat dan xejjirlu daqqa ta' ponn fix-xedaq, huwa storda u l-imputat tah daqqa ta' ponn ohra fix-xedaq tan-naha l-ohra u wara li huwa telaq minn fuq il-post mar l-Isptar San Luqa fejn kellu jsirlu ntervent kirurgiku fix-xedaq.

L-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija li tinsab inserita a fol. 12 tal-process wara li rrepeta dak li kien qal meta mar jaghmel ir-rapport spjega li huwa kien xejjer daqqa fid-direzzjoni tal-parti civili sabiex jiddefendi ruhu wara li dan tal-ahhar hebb ghalih u jaf li laqtu izda ma fehemx fejn laqtu. Huwa prezenta lil Pulizija certifikat mediku (esebit a fol. 20 tal-process) li kien jindika l-griehi li huwa sofra meta l-parti civili hebb ghalih. L-imputat spjega inoltre li l-parti civili telaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Meta xehed il-parti civili f'dawn il-proceduri huwa ndika li l-incident bejnu u bejn l-imputat sehh ghall-habta ta' Settembru jew Ottubru 2007 meta mill-provi l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni, u senjatament mic-certifikati medici, mir-rapport intavolat kemm mill-istess imputat kif ukoll mill-parti civili jirrizulta li l-incident effettivament sehh fit-12 ta' Marzu 2008 u mhux fiz-zmien indikat mill-istess parti civili. Il-Qorti izda jidrilha li nonostante li l-parti civili ndika

data zbaljata tal-incident fejn huwa allegatament sofra griehi ta’ natura gravi kagunati mill-imputat, il-Prosekuzzjoni xorta wahda rnexxilha tipprova li l-incident effettivament sehh fid-data ndikata fl-akkuza u dan permezz tac-certifkati medici u r-rapport intavolat mill-istess imputat u mill-parti civili. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta wkoll li l-imputat agixxa in legittima difesa stante li huwa ddefenda lilu nnifsu wara li l-parti civili hebb ghalih. Il-Qorti strahet fuq ix-xhieda tax-xhud indipendenti Robert Cacciatolo f’dan ir-rigward. Dan ix-xhud li xehed fl-udjenza tat-11 ta’ Gunju 2008 qal li huwa kien mar il-garaxx tal-imputat sabiex jigbor il-vettura tieghu u kien ra lill-imputat jitkellem ma ragel quddiem vettura bil-bonnet miftuh u qal li kien ra lil sid din il-vettura jimbotta lill-imputat u jxejjirlu daqqa u qal li huwa mbaghad ra lill-imputat ixejjer daqqa lil sid il-vettura izda kkonferma li kien sid il-vettura li xejjer l-ewwel daqqa lejn l-imputat. Dan ix-xhud ghalhekk jikkonferma l-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija fis-sens illi Cuono Rea kien hebb ghalih u huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nnfisu billi xejjer daqqa fid-direzzjoni tal-istess Cuono. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 223 u 224 tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Ili fil-fehma tal-Qorti t-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat ma jirrizultawx pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li mix-xhieda tal-parti civili bla-ebda mod ma jirrizulta li l-imputat ingurja lil parti civili u l-anqas ma jirrizulta li kien hemm xi ksur ta’ buon ordni u paci pubblika da parti tieghu stante li jidher li huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-agir tal-parti civili li hebb ghalih.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-kofronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------